MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2006

Numru. 515/2005

**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Avviz Legali 12/2002 regolamenti 7(4), 6 u 15**
**tat-Trees & Wood Regulations**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**V**

**OMISSIS**
**PETER BORG**
**PETER BORG**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **CARMEL CAMILLERI** bin Saviour u Josephine nee Saliba, imwieled nhar l-erbgha ta' Mejju 1969 u residenti 55, Triq Spinola, San Giljan, detnetur tal-karta tal-identita numru 236469M, **PETER BORG** bin Giovanni u Ludgarda nee Cutajar imwieled nhar t-tletin ta' Mejju 1956 u residenti 7, Triq Jannar, B'Kara detentur tal-karta tal-identita numru 391356M u **PETER BORG** bin Peeter u Mary nee Farrugia imwieled nhar l-erbatax ta' Novembru 1979 u residenti 7, Triq Jannar, B'Kara detentur tal-karta tal-identita numru 557979M gew imressqa quddiemha akkuzati talli fit-tnax ta' Dicembru 2004, wara nofsinhar, fl-ghelieqi maghrufa bhala Guffer Zone, tal-Brockdorff Circle, limiti ta' Triq Qacca, Xaghra, Ghawdex:

1. Hadu parti f'azzjoni jew ippruvaw jiehdu parti f'azzjoni jew agixxew b'tali mod li fil-fehma tad-Direttur tad-Dipartiment ghal Harsien tal-Ambjent, kienu ta' hsara ghal identita biologika jew ghal sigar elenkati fl-Iskeda II tal-Avviz Legali 12 tas-sena 2001 [Trees & Wood Land Reg];

2. Talli qatghu jew ippruvaw jaqtghu, nehhew jew ippruvaw inehhi qoxra taasosigra jew partijiet taghha, nehhew jew ippruvaw inehhu l-injam jew bi kwalunkwe mod qerdu jew ippruvaw jeqirdu, ghamlu hsara jew ippruvaw jaghmlu hsar lil sigar jew partijiet taghhom li huma elenkati fl-Iskeda II tal-Avviz Legali 12 tas-sena 2001 minghajr awtorita jew licenzja li tinkiseb minn qabel mid-Dipartiment ghal Harsien tal-Ambjent.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u lil Camel Camilleri xhud tad-difiza.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-ghaxra ta’ Novembru 2005 u ghal darb’ohra nhar d-disgha ta’ Marzu 2006, xehed **PS 1040 John Grima** li qal li ghal habta tas-saghtejn u ghaxra tat-tnax ta’ Dicembru 2004, kien ircieva telefonata mill-orderly tal-ghassa tal-pulizija tar-Rabat li kien hemm xi nies qed jaqilghu xi sigar tal-harrub f’ghalqa li tinsab fil-Brockdorff Circle, limiti ta’ Triq Qacca, Xaghra, Ghawdex. Huwa ghalhekk, flimkien ma PC 354 Anthony Spiteri mar fuq il-post li gie indikat lilu. Hemmhekk innota li kien hemm tlett sigar tal-harrub li kienu ghadhom kemm gew maqlugha u fil-hin semgha hoss ta’ *chain saw* u meta harsu fid-direzzjoni tal-hoss, raw zewg minn nies jaqtghu aktar sigar tal-harrub miz-zokk.

Huma avvicinaw dawn iz-zewgt irgiel li f’idejhom kellhom *chain saw*, litru zejt, *sparking plug, spanner,* u xi petrol. Fuq il-post dawn iz-zewgt irgiel ammettew li kienu qed jaqtghu s-sigar u gew murija sebgha sigriet maqtugha.

Irrizultalhom li dawn iz-zewgt irgiel huma z-zewg imputati odjerni. L-imputati stqarrew maghhom li kien sid l-ghalqa maghruf bhala Tal-Francis li kien tahom il-permess biex jaqtghu s-sigar. Sussegwentement x-xhud esibixxa l-Qorti dawn l-istess oggetti li nstabu f’idejn l-imputati u cioe *chain saw*, z-zejt, *sparking plug, spanner* u l-petrol.

**PS 354 Anthony Spiteri** xehed fl-istess seduta tad-disgha ta’ Marzu 2006 fejn ikkonferma dak kollu li qal PS 1040 John Grima u gharaf l-oggeti li kienu esibti l-Qorti bhala l-istess oggetti li gew elevati minghand l-imputati li gharaf presenti fl-awla.

**Bonnie Farrugia,** rappresentant tal-MEPA xehdet u esibiet ghaxar ritratti li gew mmakrati bhala dokumenti M 1 sa M 10 li juru s-sigar li effettivament gew distrutti dakinhar.

**Emanuel Calleja**, rappresentant tad-Dipartiment tal-Agrikoltura xehed w ikkonferma li s-sgiar murija fir-ritratti esibiti huma sigar tal-harrub li huma sigar protetti mill-ligi permezz tal-Iskeda II tal-Avviz Legali 12 tas-sena 2001.

**L-Ispettur Maurice Curmi** xehed u spjega kif z-zewg imputati odjerni ammettew mieghu dakinhar tal-investigazzjoni mizmuma minnu li kienu qatghu numru ta' sigar tal-harrub. Fil-fatt huma rrilaxxjaw zewg stqarrijiet li gew esibiti w immarkati bhala dokumenti P 1 u P 2 u minn ezami tal-istess jirrizulta l-partecipazzjoni taghhom f'dan r-reat.

**Carmel Camilleri** xehed nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Gunju 2006 u qal li huwa kien tressaq il-Qorti akkuzat bl-istess reati odjerni li qed jiffaccjaw l-imputati odjerni u effettivament kien nstab hati mill-Qorti bhala l-persuna li kienet qabdet lil imputati biex jaghmlu dak li ghamlu.

Spjega li ilu jaf lil Peter Borg l-anzjan zmien twil u kien dejjem iqabbdu biex inaddaf s-sit fejn ikun ser jibni. F'dan l-kaz wkoll ammetta li kien hu li qal lil imputati biex jaqtghu s-sigar u sahansitra anke ipproducilhom ic-*chain saw*.

Ikkunsidrat:

Illi d-difiza qed issostni li l-imputati m'ghandhomx jinstabu hatja ta' dawn l-akkuzi peress li huma kienu qed jobdu ordni superjuri u cioe l-ordni tal-imghallem taghhom.

Din il-Qorti ma taqbilx ma din t-tezi tad-difiza 'l ghaliex semmai, jirrizulta bic-car li Carmel Camilleri kien il-komplici waqt li l-imputati odjerni huma l-awturi tar-reat in dezamina ghaliex kienu huma li effettivament wettqu r-reat.

**Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 6, 7(4) u 15 tal-Avviz Legali numru 12 tas-sena 2001, u wara li rat li kienu l-imputati PETER BORG u PETER BORG li qalghu s-sigar tal-harub, tiddikjara li ssibhom t-tnejn hatja u tiddecidi li tikkundanhom ihallsu s-somma ta' elf u erbgha mitt lira maltin kull wiehed.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------